# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 189/07/2 AE**

**Cecil Pace f'ismu proprju u bħala Direttur ta' M.I.D.C. Limited u b'digriet tal-24 ta' Novembru, 2020, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna ta' Cecil Pace fil-persuna ta' Christine Podestà, l-Avukat Dr. Malcolm Pace, Rachel Zammit Tabona, Ian Pace u Dottor James Pace, stante l-mewt tal-imsemmi Cecil Pace fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2007, ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Michele Martone u okkorrendo Herbert Baldacchino bħala mandatarju tal-assenti Massimiliano Martone u b'digriet il-Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li għall-konvenuti assenti qiegħed jidher l-Avukat Dr. Mario de Marco u b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2019, stante l-mewt ta' Michele Martone l-atti ġew trasfużi f'isem Annabella, Luigi, Franco u Massimiliano aħwa Martone**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi fil-kwalità premessa minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2014

(minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet, u fil-mertu laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati u ċaħdet it-talbiet tal-attur *proprio* u *nomine*, bl-intimati ordnati jħallsu l-ispejjeż marbutin mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom u l-attur *proprio* u *nomine* jħallas l-ispejjeż dwar l-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet milqugħa;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-attur fisser lilu nnifsu bħala azzjonist u direttur fil-kumpanija attriċi. Jgħid li f'kawża oħra (Ċitazzjoni Numru 1707/1993[1]), il-konvenut Michele Martone xehed falz, liema qerq jirriżulta kemm mix-xhieda konfliġġenti tiegħu kif ukoll mix-xhieda ta' persuni oħra indipendenti. Minħabba f'hekk, kemm l-attur u kif ukoll il-kumpanija attriċi ġarrbu preġudizzju u ġew imċaħħda minn ħwejjiġhom (ishma fl-istess kumpanija). Talab għaldaqstant li l-Qorti ssib li l-imsemmi Michele Martone xehed falz fil-proċeduri msemmija, u sabiex il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti meħtieġa biex tara li jitwettaq il-prinċipju *fraus omnia corrumpit*. Talab ukoll l-ispejjeż;

3. Illi fit-Tweġiba, il-konvenuti laqgħu billi qalu li l-azzjoni ma setgħetx titressaq billi ma hija msejsa fuq ebda dispożizzjoni tal-liġi, kif ukoll li l-imsemmija kawża kienet għaddiet in ġudikat favur tagħhom. Fil-mertu,

[1] Fl-ismijiet ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Paċe et noe et***

ċaħdu x-xiljiet tal-atturi u jgħidu li, fil-proċeduri msemmija, l-atturi kellhom kull mezz biex iressqu xhieda u jagħmlu dak meħtieġ biex jikkontradixxu x-xhieda mogħtija u li jqisu li kienet xhieda falza, iżda naqsu li jagħmlu dan. Qalu wkoll li l-atturi qegħdin jippruvaw jinqdew b'din il-kawża bil-ħsieb li jerġgħu jiftħu mill-ġdid proċeduri li llum huma magħluqa;

4. Illi biex waslet għas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*F'din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu dikjarazzjoni li Michele Martone xehed falz fil-kawza* ***Herbert Baldacchino nomine v. Cecil Pace et proprio et nomine et*** *(1707/1993). Kawza deciza b'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2000 u li kienet titratta 9,212 sehem fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd, u li fiha Herbert Baldacchino kien qieghed jidher bhala mandatarju ta' Michele Martone, iben Massimiliano Martone. L-attur talab dikjarazzjoni li hu l-uniku azzjonist ta' dawn l-ishma fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd.*
>
> *"B'sentenza li nghatat minn din il-qorti fil-31 ta' Ottubru 1997, il-qorti ddikjarat li Massimiliano Martone hu legalment l-uniku azzjonist proprjetarju ta' l-azzjonijiet fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited. Fis-sentenza tal-25 ta' Frar 2000 il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-konvenuti.*
>
> *"Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell il-konvenuti Pace proprio et nomine pprezentaw proceduri ta' ritrattazzjoni. B'sentenza tat-22 ta' April 2004 il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba. F'dan il-process wahda mill-allegazzjonijiet ta' Pace kienet li s-sentenza tal-25 ta' Frar 2000 ittiehdet b'qerq. Wahda mill-okkazzjonijiet fejn Pace allegaw il-qerq kienet:-*
>
>> *"6. Ghax qarraq bil-qorti bid-dokumenti liipprezenta u bix-xhieda ta' Michele Martone, li ma kienet korroborata minn hadd u, anzi, kienet kontradetta bix-xhieda mahlufa ta' Nada delle Piane" (ara pagna 9 tas-sentenza).*
>
> *"Dwar dan il-Qorti tal-Appell qalet:-*
>
>> *"Is-sitt episodju ta' qerq imsemmi mill-konvenuti Pace proprio et nomine huwa episodju ta' qerq waqt il-proceduri ghax huwa allegazzjoni ta' xhieda u dokumenti foloz. Izda huwa biss allegazzjoni: ix-xhieda ta' l-attur u d-dokumenti minnu esebiti gia kienu meqjusa mill-ewwel qorti u minn din il-qorti, u nghatat decizjoni dwarhom; ma hux bizzejjed biex*

> *issa jitqiesu foloz illi l-konvenuti jghidu hekk, jew li jressqu xhieda ohra li ma tabqilx maghhom, aktar u aktar meta, ghar-ragunijiet li ga rajna, dik ix-xhieda – l-istqarrija mahlufa ta' Nada delle Piane – ma hijiex ammissibbli f'dan l-istadju.* ***Li kellhom jaghmlu l-konvenuti hu li, qabel ma fethu din il-kawza, jiksbu dikjarazzjoni gudizzjarja illi x-xhieda moghtija mill-attur hija falza****, biex hekk ikunu jistghu jitolbu ritrattazzjoni taht il-paragrafu (j) ta' l-art. 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".*

*"L-Artikolu 811(j) tal-Kap. 12 jipprovdi li hemm lok ta' ritrattazzjoni:-*

> *"jekk is-sentenza tkun ġiet deċiża fuq provi li, b'sentenza mogħtija wara, jiġu ddikjarati* ***foloz****, jew, li jkunu ġew hekk iddikjarati b'sentenza mogħtija qabel, iżda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt.*

*"F'dan ir-rigward hi bla bazi l-ewwel eccezzjoni u tieni eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu hi l-ligi li taghti dan ir-rimedju lil min jallega li s-sentenza nghatat fuq provi foloz. Hu evidenti li l-falsita' tal-prova trid tirrizulta f'gudizzju separat. Falsita' li tista' tirrizulta wkoll f'testimonjanza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell* ***Caruana v. Gerada*** *deciza fis-26 ta' Gunju 1950).*

*"Hu f'dan il-kuntest li trid tigi nvestigata l-premessa tal-atturi li "…. Minhabba f'din ix-xhiedha falza r-rikorrenti sofrew pregudizzju sostanzjali u gew svestiti minn proprjeta privata appartenenti lilhom minghajr ma rcevew l-ebda kumpens" (fol. 2).*

*"Jidher li l-kawza li qeghda tigi deciza llum saret wara l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-procedura ta' ritrattazzjoni. F'dak il-kaz Pace pprezentaw stqarrija ta' Nada delle Piane li kienet azzjonista tal-Malta & Europe Hotels Limited u li minghandha Pace jghidu li akkwistaw l-ishma. Fiha jinghad li:*

> *" - ma' zewgha kienet azzjonista principali tal-kumpanija li mis-sena 1960 bniet il-lukanda Grand Hotel Excelsior;*
>
> *" - waqt il-bini tal-lukanda kellhom bzonn iktar finanzjament u ghalhekk tkellmu ma' Cecil Pace u tramite l-Bical u Finindustry Ltd kienu ffinanzjaw il-progett;*
>
> *" - sussegwentement hi, flimkien ma' zewgha, ittrasferew l-ishma kollha lill-kumpanija ta' Cecil Pace, u dan wara li taw b'kera l-lukanda Grand Hotel Excelsior lill-kumpanija Pabros Ltd;*
>
> *" - bieghu l-ishma u ffirmaw id-dokumenti relattivi li wassal biex l-ishma gew trasferiti lill-kumpanija ta' Cecil Pace;*
>
> *" - fl-1972 il-lukanda fethet ghall-klijenti u ftit xhur wara kkrolla l-Bical;*
>
> *" - Michele Martone kien l-avukat ta' xi kredituri li fosthom kien hemm certu Lorenzo Ceci. Michele Martone kien jaghmel pressjoni fuq zewgha biex jithallas id-dejn. L-avukat taghhom kien Dr Joseph Maria Camilleri.*

*“ - Peress li l-ishma kienet ittrasferithom lil Cecil Pace, dejjem irrifjutat it-talbiet ta’ Michele Martone sabiex tbieghlu l-ishma fil-kumpanija. Inoltre, qatt ma rcevew xi korrispettiv jew pagament minghand Martone.*

*“ - L-ishma gew trasferiti lil Cecil Pace.*

*“Dikjarazzjoni li jidher li saret fit-2 ta’ Jannar 2002 quddiem nutar Taljana. Wara, fis-7 ta’ Jannar 2002 jidher li marret fl-ufficcju tal-Konslu ghal Malta, gewwa Firenze u kkonfermat id-dikjarazzjoni bil-gurament.*

*“Binha Alessandro Ghidoli wkoll ghamel dikjarazzjoni quddiem nutar Taljan, datata 8 ta’ Mejju 2002, fejn spjega li fl-1988 Michele Martone kien mar fir-residenza taghhom gewwa Firenze flimkien ma’ certu Abela u Baldacchino. Ommu rrifjutat li tiltaqa’ ma’ Martone. Waqt il-konversazzjoni kien semma li missieru kien miet 8 snin qabel, ghal liema ahbar Martone waqa’ f’silenzju. Imbaghad intalab jaghti spjegazzjoni dwar il-kwistjonijiet f’Malta, li hu ma setax jaghti ghaliex kien ghadu ta’ eta’ zghira fl-epoka meta graw ‘il fatti. Waqt din il-laqgha ommu ma kenitx prezenti. Wara kellu jsir jaf minghand ommu kif l-ishma fil-kumpanija kienu gew trasferiti lil Cecil Pace.*

*“Dwar dawn l-istqarrijiet il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tat-22 ta’ April 2004, qalet:*

*“i. Fit-tieni parti fejn ix-xhud tichad li sar trasferiment lill-awtur tal-attur, huwa kontradett minn provi ohra li ga saret valutazzjoni ampja taghhom waqt is-smiegh tal-kawza, partikolarment il-kitba ta’ trasferiment ta’ ishma minn Nada delle Piane lill-awtur ta’ l-attur tal-20 ta’ Settembru 1972, iffirmat minnha stess”;*

*“ii. … l-istqarrija ta’ [Alessandro] Ghidoli hija wkoll ghal kollox irrilevanti ghax, kif stqarr hu stess, meta sar il-ftehim ta’ trasferiment ta’ ishma bejn il-genituri tieghu u l-awtur ta’ attur Martone fl-1972, kien ta’ ‘giovanissima eta’ billi kellu biss tlettax-il sena” .*

*“Ikun floku li l-qorti tghid fil-qasir x’wassal biex il-Qorti tal-Appell b’sentenza tal-25 ta’ Frar 2000 tichad l-appell ta’ Pace. F’dik il-kawza gie deciz min bejn Martone u Adelphi Investments Limited, awtur ta’ M.I.D.C. Limited, kellu jitqies li akkwista l-ishma minghand Ghidoli u delle Piane:*

*“**.** L-Artikolu 6 tal-Articles of Association ta’ Malta & Europe Hotels Limited kien jipprovdi ghall-procedura li kellha tigi segwita fit-trasferiment ta’ ishma; “no share may be transferred to non-members unless it is first offered to the shareholders who shall have the right of option in the proportion laid down in paragraph 7(2). Shares may be freely transferred inter vivos to the descendants of shareholders”. Imbaghad skond 6(2): “Transfer shall be effected by a written instrument in the usual form. <u>Until the transfer is approved by the Board of Directors and registered by the Company the transferor shall be deemed to be the holder of the share or shares transferred by him</u>”. Skond l-Artikolu*

*6(4): "The Board may, in its discretion, decline to register any transfer of shares to a person of whom it does not approve".*

*". Ma kienx bizzejjed ghall-proprjetarju tal-ishma u l-akkwirent li jiffirmaw kuntratt dwar trasferiment tal-ishma. It-trasferiment kellu jigi **approvat mill-Bord tad-Diretturi u registrat**.*

*". Il-kuntratt tal-25 ta' Frar 1972 li sar bejn Ghidoli, della Piane u Adelphi Investments Limited ma wassalx ghat-trasferiment tal-ishma gialadarba ma kenitx azzjonista ta' Malta & Europe Hotels Limited. Skond il-Qorti tal-Appell il-ftehim kien iktar wiehed ta' konvenju milli ta' bejgh. M.I.D.C. Limited kienet akkwistat minghand certu Anthony Borg, zewg ishma fil-kumpanija[2]. Kien minn dakinhar li M.I.D.C. Limited setghet takkwista l-ishma u b'hekk issir socju tal-kumpanija. Pero' t-trasferiment taz-zewg ishma kien jezigi li jigi rikonoxxut mill-Bord tad-Diretturi u registrat mill-kumpanija[3]. Sakemm isir dan, it-transferor "… shall be deemed to be the holder of the share or shares transferred by him" (Article 6(2))". Pass li baqa' ma sehhx. Ghaldaqstant, qatt ma kien hemm trasferiment validu ta' ishma favur M.I.D.C. Limited.*

*". It-titolu vantat minn M.I.D.C. Limited kien difettuz ghaliex ma kellhiex il-kapacita' li takkwista ishma gialadarba ma kenitx azzjonista meta sar il-ftehim ma' Ghidoli u delle Piane, u l-akkwist tal-ishma qatt ma gie accettat mill-Bord tad-Diretturi u lanqas registrat mal-kumpanija.*

*". Martone akkwista l-ishma ta' Ghidoli u delle Piane b'zewg skritturi tal-20 ta' Settembru 1972, bil-kundizzjoni espressa li t-trasferiment ikun effettiv mid-data li l-attur isir socju tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited. Kondizzjoni li grat bl-akkwist mill-awtur ta' l-attur ta' sehem wiehed f'dik il-kumpanija, liema akkwist gie approvat mill-Kontrollur taghha, Dr K. Mifsud Bonnici li bil-ligi kien gie fdat bl-amministrazzjoni tal-kumpanija Malta & Europe Hotels Ltd.*

*". Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet: "Din il-Qorti qeghda tirribadixxi illi dak li qed jigi deciz f'din il-kawza huwa l-aspett tekniku, formali tat-trasferiment li sar illi certament prima facie jistabilixxi li filwaqt li l-appellanti proprio et nomine ma jista' qatt jigi konsidrat illi validament akkwistaw l-ishma tal-konjugi Ghidoli ghax tali trasferiment kien jippekka f'element essenzjali mehtieg biex jassigura l-validita' tieghu, inkwantu tirrizulta mankanti l-kapacita' tal-kompratur li jikkontratta, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz ta' l-akkwist ta' l-istess ishma li ghamel l-awtur ta' l-appellat".*

*"Mill-provi li ressqu l-atturi hu evidenti li qeghdin jipprovaw jergghu jifthu l-meritu tal-kawza deciza bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Frar 2000. Dan hu evidenti mill-affidavit ta' Cecil Pace u l-avukat Malcolm Pace, fejn per ezempju trattaw ir-rapport intern li kien sar mill-avukat Tonio Farrugia fuq inkarigu tal-Ministru tal-Finanzi u li dwaru l-Qorti tal-Appell ikkummentat hekk: "Investigazzjoni li, fil-verita', ma kellhiex*

[2] Fatt konfermat mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Cecil Pace proprio et nomine v. Emanuel A. Bonello nomine** (145/1989) b'sentenza tal-14 ta' Dicembru 1989 (fol. 23).

[3] Mill-proceduri ta' ritrattazzjoni jirrizulta li kien biss fil-31 ta' Lulju 1996 li nhareg ic-certifikat mill-Kontrollur (Emanuel Bonello) ta' Malta and Europe Hotels Limited. Fuqu jinghad: *"Registered as per Court Sentence (appeal) No. 145/89 dated 31st July 1996".*

*strettament rilevanza ghall-mertu tal-kawza taht ezami u li din il-Qorti qed tipprexxindi mill-konsiderazzjonijiet taghha u mill-konkluzjonijiet li l-avukat investigatur wasal ghalihom fir-rigward tas-shareholding attwali tal-Malta & Euorpe Hotels Ltd……" (fol. 32 tas-sentenza). Dan hu evidenti wkoll min-nota li pprezentat fis-27 ta April 2007 (fol. 98) fejn qalet li Martone xehed il-falz. L-istess hu evidenti min-nota ta' sottomissjonijiet voluminuza tal-atturi. Hekk per ezempju huma l-argumenti dwar:-*

*"(a) Il-kliem "e risolvera' il contratto", li Martone xehed li kien ziedhom hu. Ix-xhud qatt ma qal li dawn il-kliem ziedhom meta giet iffirmata l-iskrittura privata bejn Ghidoli, delle Piane u Investments Limited izda zmien wara fil-presenza ta' Cecil Pace. F'kull kaz l-argumenti li saru mill-atturi kienu flokhom fil-kawza 1707/1993. Inoltre, ix-xhieda li nghatat minn Dr Albert Ganado fil-kawza li qeghda tigi deciza llum, m'hijiex prova li Martone xehed falz meta qal li dawn il-kliem ziedhom fil-presenza u bil-kunsens ta' Pace. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell qatt ma kkonkludiet li l-kuntratt iffirmat fil-25 ta' Frar 1972 ma kienx ighodd ghaliex sehhet kondizzjoni rizoluttiva. Sahansitra l-kliem "e risolvera' il contratto" ma jissemmewx fis-sentenza u ma fformawx il-bazi tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u wkoll tal-ewwel qorti.*

*"(b) Jekk Ghidoli u delle Piane thallsux il-prezz minghand Pace. L-atturi jsostnu li l-prezz kollu thallas. L-istess l-atturi ghamlu kwantita ta' sottomissjonjiet li m'humiex rilevanti ghal din il-kawza. Huma pproponew argument biex jipprovaw jikkonvincu lill-qorti li Martone gideb. Pero' dan m'huwiex l-ezercizzju li ghandu jsir fil-kaz in ezami, izda kellu jsir fil-kawza 1707/93. Jinghad ukoll li fil-kawza tal-lum ma tressaq l-ebda xhud indipendenti li fir-realta' ta prova li l-prezz thallas kollu.*

*"(ċ) Jekk Ghidoli u della Piane baghatux it-telegramm mibghut lil Pace u kopja ta' liema gie esebit fil-kawza 1707/93 li jaqra hekk: "Seguito suoi mancati pagamenti secondo comunicazioni Barclays Hull et sue inadempienze comit siamo d'accordo con lei ritenere nullo contratto vendita nostre azioni riservandoci ampia azione risarcimento. Per sua conoscenza nostro procuratore sara Malta prossima settima. Ghidoli delle Piane" u li Michele Martone xehed li kien intbaghat. F'dan ir-rigward fl-argumenti taghhom l-atturi ma ghamlu ebda riferenza ghall-xhieda indipendenti li fir-rikors guramentat qalu li ser juru li Martone xehed il-falz. Ovvjament ma setawx jaghmlu riferenza ghal tali xhieda, peress li f'dan ir-rigward ma tressqux xhieda indipendenti.*

*"Fir-rikors guramentat l-atturi qalu li l-qerq jirrizulta:-*

*"i Mid-deposizzjonijiet konfliggenti palezi li ta Michele Martone;*

*"ii B'xiehda ohra indipendenti li juru li Michele Martone xehed il-falz;*

*"Hu dwar dawn l-allegazzjonijiet li l-qorti trid tiddeciedi in kwantu l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq l-ilment tal-atturi kif espress fir-rikors*

*guramentat u mhux fuq xi ilment gdid li ssemma fil-kors tas-smiegh tal-kawza. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li:-*

> *"(a) meta parti taghti l-verzjoni taghha u l-kawza tigi deciza, m'ghandux ikun li l-parti telliefa tipprova timpunja s-sentenza billi targumenta li l-parti l-ohra tat verzjonijiet konfliggenti. L-indagni dwar jekk parti qalitx fatti li jikkonfliggu ma' xulxin jispetta lill-qorti li taghti s-sentenza fuq il-meritu u lill-hadd iktar. L-apprezzament ta' dak li tkun xehedet parti isir mill-qorti li tiddeciedi l-kawza fil-meritu. Kif osservat din il-qorti[4] f'sentenza preliminari fil-kawza* ***Joseph Cardona v. Marija Scicluna*** *tad-19 ta' Jannar 1993: "Meta tintalab r-ritrattazzjoni fuq il-motiv tal-falsita' tal-provi, jehtieg li* ***l-pretiza falsita' ma setghetx tigi opposta fil-gudizzju li tieghu l-parti interessata tkun trid titlob ir-ritrattazzjoni****". L-ezercizzju dwar jekk Michele Martone tax verzjonijiet konfliggenti kellu jsir fil-kawza 1707/1993 u mhux wara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell saret gudikat.*
>
> *"(b) Ix-xiehda li ressqu l-atturi u li jghidu li huma 'indipendenti', ma jaghtux prova li Michele Martone xehed il-falz. Dawn ix-xiehda huma n-nutar Dr George Bonello Du Puis (seduta tas-6 ta' Dicembru 2007), Joseph Crocker (seduta tas-6 ta' Dicembru 2007 u 27 ta' Mejju 2009), Dr Albert Ganado (6 ta' Dicembru 2007), Joseph Sammut (seduta tal-20 ta' Frar 2008) u Tonio Fenech (seduta tal-20 ta' Frar 2008). Xehed ukoll Raymond Gatt li jidher ghal MGI Malta Kontrollur tal-Bical (seduta tal-4 ta' Gunju 2008, tad-9 ta' Ottubru 2009, tas-7 ta' Novembru 2011 u 6 ta' Frar 2012). Il-qorti rat id-deposizzjonijiet ta' kull wiehed mix-xhieda u ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni li fil-kawza 1707/93 Michele Martone xehed il-falz. Hu veru li Raymond Gatt, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2008, kien xehed li ma sabx cirkolari li biha Malta & Europe Hotels Ltd avzat lill-azzjonisti taghha li certu Zammit kien, fis-sena 1974, qieghed joffri sehem wiehed ghall-bejgh filwaqt li Michele Martone xehed li:- "Din l-offerta giet cirkolata lill-azzjonisti l-ohra li kellhom l-opzjoni imma hadd ma offra u allura akkwistajt wahda jien" (seduta tal-24 ta' Marzu 1994). Pero' s-sentenza tal-25 ta' Frar 2000 m'hijiex bazata fuq din id-dikjarazzjoni ta' Martone. F'kull kaz 'il fatt li Raymond Gatt ma sabx cirkolari fl-inkartament m'hijiex xi prova certa li ma saritx tali offerta lill-azzjonisti l-ohra. Inoltre l-konvenuti pprezentaw affidavit ta' Giuseppe Abela, li qal li kien segretarju tal-Malta & Europe Hotels Limited bejn Gunju 1972 u 31 ta' Dicembru 1974, u kkonferma li c-cirkolari kienet intbaghatet u hadd ma esprima nteress li jakkwistahom[5]. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li fil-kawza 1707/1993 Pace kien diga' xehed li meta Martone xtara "xtara share wiehed minghand Zammit ma pprezentax ittra li biha giet cirkolata l-offerta ta' bejgh lill-azzjonisti tal-kumpanija bhala ma jirrikjedi l-istatut….." (fol. 82 tal-kawza 1707/93). Jekk Pace ried jaghti prova ta' dan fil-kawza 1707/1993 kellu kull opportunita' li jressaq lill-Kontrollur ta' dak iz-zmien bhala xhud u mhux jipprova jirrimedja ghan-nuqqas tieghu fil-kawza li qeghda tigi deciza llum.*

---

[4] Imhallef J. Said Pullicino.

[5] Kontro-ezami ma sarx u l-attrici llimitat ruhha biex tghid li li *"Meta taghsar ix-xhieda prodotta minn Martone biex jiddefendi din il-kawza ssib ftit li xejn ta' rilevanza"* (fol. 70 tan-nota ta' sottomissjonijiet).

*"(ċ) L-atturi pprezentaw ukoll dak li qalu li huma affidavit ta' Nada delle Piane u binha Alessandro Ghidoli li gew ukoll prezentati fil-proceduri ta' ritrattazzjoni. Prova li suppost kellha ssir fil-kawza 1707/1993, ghalkemm f'nota ta' kritika li kienu pprezentaw wara r-rapport tal-perit legali qalu li kienu tilfu kull kuntatt ma' delle Piane u ma kienux jafu fejn tghix. F'kull kaz hu veru li fid-dikjarazzjoni jinghad: "avendo gia' venduto tutte le nostre azioni alla societa del signor Cecil Pace ho sempre rifiutato le richieste del signor Michele Martone di vendere le nostre azioni anche a lui……..". Pero' l-iskrittura tal-20 ta' Settembru 1972 turi mod iehor u tgiddeb id-dikjarazzjoni li ghamlet Nada delle Piane. Inoltre, fid-dikjarazzjoni notarili li ghamlet fis-sena 2002 m'hemm l-ebda riferenza ghall-iskrittura fis-sens li l-firma taghha hi falsifikata. Ghalkemm fil-kawza 1707/1993 l-atturi argumentaw li l-pretensjonijiet ta' Martone kienu bazati fuq share transfer falsifikat, din baqghet biss allegazzjoni u xejn iktar. Fil-fatt din il-qorti fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 1997 osservat: "Il-falsifikazzjoni tal-firma ta' Ghidoli fit-trasferiment favur Martone ma gietx ippruvata. Din il-Qorti zgur ma tistax tikkonverti ruhha f'Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija bhala Qorti inkwirenti biex tindaga din l-allegazzjoni. Kien jispetta lill-konvenuti jippruvaw dan l-eghmil"[6].*

*"Ghal dak li jikkoncerna Alessandro Ghidoli ma jista' jaghti l-ebda taghrif ghaliex fi kliemu f'dak iz-zmien kien ghadu tfajjel (twieled f'April 1959). Hu evidenti li personalment ma jaf xejn dwar dak li ghadda bejn il-genituri tieghu ma' Pace u Martone. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-22 ta' April 2004, **l-istqarrija hi ghal kollox irrilevanti**.*

*"(d) Il-provi foloz iridu jkunu dawk li fuqhom ibbazat il-qorti biex taghti l-pronunzjament taghha. Fis-sentenza tal-25 ta' Frar 2000 il-Qorti tal-Appell ma bbazatx il-pronunzjament fuq id-deposizzjoni ta' Michele Martone. Mis-sentenzi tal-ewwel qorti u tal-Qorti tal-Appell hu car li d-deposizzjoni ta' Michele Martone ma ddeterminatx l-ezitu tal-kawza. Id-decizjoni tal-25 ta' Frar 2000 kienet bazata fuq min minn M.I.D.C. Limited u Martone gie l-ewwel registrat bhala azzjonist ta' Malta & Europe Hotels Limited. Il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara li dak li gie deciz fil-kawza "…. Huwa **l-aspett tekniku, formali tat-trasferiment li sar**" u kkonkludiet li l-ishma kienu gew akkwistati minn Michele Martone, li hu l-awtur ta' Massimiliano Martone. Id-decizjoni tal-qorti hi bazata mhux fuq dak li xehed Michele Martone izda fuq il-provi li:-*

*"[i] Fil-25 ta' Frar 1972 saret l-iskrittura privata bejn il-konjugi Ghidoli u Adelphi Investments Limited dwar l-ishma li l-Qorti tal-Appell qalet li ma kienx il-bejgh tal-ishma. Irrizulta kif l-akkwist tal-ishma li M.I.D.C. Limited tallega li xtrat minghand il-konjugi Ghidoli ma giex registrat mal-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited;*

*"[ii] Fl-20 ta' Settembru 1972 il-konjugi Ghidoli ffirmaw skritturi li bihom ttrasferew l-ishma li kellhom lil Michele Martone. Fl-iskrittura li saret bejn Antonio Ghidoli u Martone hemm ukoll notament tal-Kontrollur Mifsud Bonnici "non ho oggezione al trasferimento" u datat 12 ta' Novembru 1974;*

[6] Kopja tas-sentenza tinsab fl-atti tal-kawza 1202/07.

*"[ii] Fil-15 ta' Novembru 1972 M.I.D.C. Limited xtrat zewg ishma minghand Anthony Borg. Trasferiment li ma giex approvat mid-diretturi u lanqas ma gie registrat mal-kumpanija hlief snin twal wara*[7]*;*

*"[iii] Fil-25 ta' Novembru 1972 ghalaq il-BICAL u nhatar Kontrollur;*

*"[iv] Fit-22 ta' Ottubru 1974 Martone nghata permess sabiex jixtri sehem wiehed minghand certu JS Zammit. Fit-23 ta' Ottubru 1974 il-Kontrollur hareg share certificate ghal dan is-sehem favur Martone.*

*"[v] Fl-4 ta' Novembru 1988 il-Kontrollur Bonello hareg share certificate favur Martone fuq l-ishma li kien akkwista minghand il-konjugi Ghidoli.*

*"[vi] Fis-27 ta' Mejju 1991 Michele Martone ttrasferixxa l-ishma lill-ibnu Massimiliano Martone u fit-18 ta' Lulju 1991 il-Kontrollur hareg share certificate favur Massimiliano Martone ghal 9212 sehem fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited u li ghandhom in-numru dikjarat fl-istess dokument.*

*"Il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara li biex jigi determinat min hu s-sid tal-ishma: "…. ma kienx bizzejjed li jigi stabbilit li tkun giet skrupolozament segwita l-procedura stabbilita fl-Articles of Association ghall-bejgh taghhom. Kien ukoll mehtieg li jigi stabbilit li tali trasferiment validu jkun gie* ***debitament awtorizzat u registrat skond kif mis-socji previst fl-istess Articles****". Bazati fuq dawn il-provi u mhux dak li xehed Martone, bhall-ewwel qorti, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li l-ishma kienu proprjeta tal-attur Martone.*

*"Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-meritu l-azzjoni tal-atturi tfalli."*;

5. Illi l-attur *proprio* u *nomine* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tal-24 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet estensivi hemm imfissra, talab li din il-Qorti li, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata safejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet bl-ispejjeż għall-intimati appellati, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata għall-bqija tagħha u tirriformaha billi fil-mertu tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-istess intimati appellati u, minflok, tilqa' t-

[7] Mill-atti ta' ritrattazzjoni jirrizulta li fil-31 ta' Lulju 1995 il-Kontrollur Bonello hareg share certificate f'isem M.I.D.C. Limited dwar dawn iz-zewg ishma. Mill-atti tal-kawza 1707/93 ma jirrizultax li Pace pprezenta dan id-dokument waqt is-smiegh tal-provi f'dik il-kawza.

talbiet tiegħu b'dikjarazzjoni li Michele Martone xehed falz fil-proċeduri Ċitazzjoni Numru 1707/93, u sabiex tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi meħtieġa u xierqa biex tiżgura t-twettieq tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*;

6. B'Risposta mressqa fis-6 ta' Jannar, 2015, l-avukat Mario deMarco f'isem l-assenti Michele u Massimiliano Martone u għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li l-appell ma jmissux jintlaqa' u din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll tal-kawżi fl-ismijiet "***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Paċe et pro et noe et***" (Ċitazz. Nru. 1707/93) u "***Cecil Paċe v. Michele Martone et***" (Rik. Nru. 1202/07);

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2020, u f'dak tal-24 ta' Novembru, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni li xhieda mogħtija minn parti f'kawża bejn il-partijiet dwar titolu ta' ishma f'kumpanija, kienet falza. L-

appellant jgħid li l-appellat Martone, fost oħrajn, xehed li kien akkwista b'mod tajjeb mingħand il-miżżewġin Antonio Ghidoli u Nada delle Piane, l-ishma maġġoritarji li dawn kellhom fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited (minn issa 'l hemm imsejha "MEH"), meta dan ma kienx minnu. L-appellant jgħid li, minħabba dan, ġarrab dannu u ċċaħħad minn ġidu. L-ewwel Qorti sabet li, fil-mertu, l-azzjoni tal-atturi tfalli u ċaħdet it-talbiet attriċi. Ċaħdet ukoll l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-appellati;

10. Illi **l-aggravju** tal-appellant mis-sentenza appellata huwa wieħed, dak li l-ewwel Qorti naqset li tqis jekk fil-fatt l-intimat Martone xehedx falz;

11. Illi l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti naqset li tqis depożizzjonijiet ta' xhieda importanti li tressqu fil-kawża li jsaħħu t-teżi tagħhom li tabilħaqq fil-proċeduri msemmija (Cit. Nru. 1707/93) l-appellat Michele Martone xehed b'mod qarrieqi, u minflok tat piż għal sejbiet u konklużjonijiet li m'humiex relevanti għall-każ li għandha quddiemha, meta dik il-Qorti illimitat ruħha għall-aspett tekniku tat-trasferiment tal-ishma;

12. Illi, min-naħa l-oħra, l-appellati jgħidu li l-kwistjoni li din il-Qorti għandha quddiemha ġiet diskussa fit-tul fil-proċeduri fil-kawża fuq imsemmija, kif ukoll fi proċeduri oħra, u l-appellanti kellhom kull mezz biex iressqu l-argumenti tagħhom f'dawk il-proċeduri u ma nqdewx bl-opportunitajiet li kellhom. Għaldaqstant il-ftuħ ta' din il-kawża jissarraf

biss f'abbuż ġudizzjarju maħsub biex l-appellant jiftaħ mill-ġdid kwistjoni li dwarha llum ingħataw sentenzi li saru ġudikat. Jgħidu li l-ewwel Qorti mxiet b'mod tajjeb fl-istħarriġ tagħha, u li x-xiljiet tal-appellant fil-konfront tal-appellat Michele Martone huma dgħajfin u bla ebda siwi;

13. Illi l-ilment tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li kellha quddiemha u dan wassalha biex il-mertu waħdieni li kellha tqis – jekk l-appellat Michele Martone xehedx falz – ma qisitux;

14. Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'"falz" wieħed irid hawn jifhem "xi ħaġa li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux sempliċement "xi ħaġa li l-parti ma taqbilx magħha" jew li ħaddieħor jaraha b'mod ieħor. Fi kliem ieħor, biex jista' jintwera li ngħad il-falz taħt ġurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li ngħad. Tali fatt irid jirriżulta mill-atti u mhux jissemma biss bħala argument;

15. Illi x-xilja li l-appellat Martone xehed il-falz saret mill-appellant u għalhekk jaqa' fuqu l-obbligu li jipprova dak li jallega;

16. Illi ngħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament

ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[8]. B'danakollu, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[9];

17. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. Biex isostni l-allegazzjoni tiegħu li l-appellat Martone xehed falz, l-appellant joqgħod fuq ix-xhieda mogħtija minn Nada delle Piane fl-affidavit imressaq minnha fl-4 ta' Jannar, 2002. Hija tgħid li hi u żewġha biegħu l-ishma tagħhom fil-Malta & Europe Hotels Limited (MEH) lill-attur Cecil Pace permezz tal-kumpanija tiegħu. Tgħid

---

[8] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

[9] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

li kienu ffirmaw id-dokumenti marbuta mat-trasferiment definittiv tal-ishma kollha tagħhom, u dan sar xi żmien qabel il-falliment tal-B.I.C.A.L. Tgħid ukoll li l-Avukat Michele Martone kien talabhom kemm-il darba s-sehem tagħhom mill-kumpanija iżda kemm hi kif ukoll żewġha dejjem irrifjutaw it-talbiet tiegħu għaliex l-ishma kienu nbiegħu lill-kumpanija ta' Cecil Pace kif ingħad. Minn din ix-xhieda, l-appellant jislet l-argument li l-appellat Martone qatt ma seta' akkwista l-ishma tal-miżżewġin Ghidoli u għaldaqstant id-dikjarazzjoni tiegħu li huwa sid ta' dawk l-ishma mhix minnha għaliex l-ishma kienet kisbithom il-kumpanija appellanti M.I.D.C.;

18. Illi l-ewwel Qorti dan ix-xhud qisitu, iżda waslet għall-fehma li din ix-xhieda m'għandhiex titwemmen u lanqas toqgħod fuqha għaliex il-kitba tal-20 ta' Settembru, 1972[10], turi bejgħ ta' ishma minn Nada delle Piane u żewġha lill-appellat Martone u mhux lill-appellant. Waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-għaref difensur tal-appellanti saħaq li wieħed ma jistax joqgħod fuq il-kitba tat-trasferiment tal-ishma datata 20 ta' Settembru, 1972, għaliex hija suspetta u li t-trasferiment ta' dawk l-ishma kien seħħ favur l-appellant fil-25 ta' Frar ta' qabel fi ftehim milħuq bejn il-miżżewġin Ghidoli/delle Piane u kumpanija bl-isem ta' Adelphi Investment Limited (li l-appellant kellu interessi fiha). Minbarra dan, żied jgħid li, meta jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti bejn tnejn li jippretendu li xtraw il-ħaġa, il-Qorti jmissha toqgħod fuq il-verżjoni tal-bejjiegħ, għaliex huwa l-aqwa

[10] Paġ. 625 u 627 tal-process

xhud biex jgħid tassew lil min kien biegħ. Jindika li, fil-kawża miftuħa minnu fl-1993 (u wkoll fil-korp tar-Rikors tal-Appell tiegħu f'din il-kawża) huwa ressaq mhux anqas minn sbatax-il (17) ċirkostanza fejn mill-atti proċesswali joħroġ ċar li Michele Martone xehed il-falz, u huwa biżżejjed li l-Qorti taċċetta mqar ċirkostanza waħda minnhom ilkoll biex il-każ tiegħu jkun ippruvat kif imiss;

19. Illi din il-Qorti taqbel mal-fehmiet ta' l-ewwel Qorti. Tqis ukoll li l-appellant, kemm fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 1707/93[11] u kif ukoll f'din il-kawża, kellu kull opportunità li jġib fix-xejn id-dokument tat-trasferiment imsemmi billi jwettaq verifika jekk il-firma fuq it-trasferiment tal-ishma fl-20 ta' Settembru, 1972, kinetx tabilħaqq ta' Nada delle Piane, kif qed jgħid l-appellat Martone, jew għall-kuntrarju, kinitx fabbrikata kif jagħti x'jifhem l-appellant, iżda din il-prova l-appellant qatt ma ressaqha kif kien mistenni minnu li jagħmel ladarba qajjem il-kwistjoni;

20. Illi l-appellant jistrieħ ukoll fuq l-istatut tal-kumpanija MEH li, fil-klawsola sitta (6) tiegħu, jistabilixxi li, f'każ li ishma jkunu ser jinbiegħu jew trasferiti lil terzi (lill-appellat Martone, f'dan il-każ), kellhom jiġu l-ewwel offruti lis-soċji eżistenti tal-istess kumpanija. Itenni li d-dokument li l-appellat Martone jgħid li ġie ċirkulat fost is-soċji[12] qabel ma huwa kiseb is-sehem tas-soċju John Żammit (u li, bis-saħħa tiegħu, kien ikun

[11] Ara paġ. 378 tal-proċess – estratt ta' xhieda mogħtija fil-kawża Cit. 1707/93
[12] Paġ. 383 tal-proċess – estratt ta' xhieda mogħtija fil-kawża Cit. 1707/93

biżżejjed biex Martone seta' jikseb l-ishma mertu tal-każ offerti għall-bejgħ mill-miżżewġin delle Piane u Ghidoli), qatt ma tressaq bħala prova, bir-riżultat li l-appellat Martone qatt ma seta' jakkwista ishma fil-kumpanija MEH;

21. Illi f'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti tgħid li l-appellant seta' ħarrek lill-Kontrollur ta' dak iż-żmien bħala xhud jekk tassew ried igiddeb lill-appellat Martone fix-xhieda tiegħu, iżda dan m'għamlux. Għaldaqstant l-ewwel Qorti ma qisetx aktar din ix-xilja. Din il-Qorti, filwaqt li tapprezza l-importanza tal-argument imressaq mill-appellant, min-naħa l-oħra, tasal għall-istess fehma bħal dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti billi l-piż tal-prova kien jaqa' fuq l-appellant li f'din il-kawża jressaq il-prova meħtieġa, iżda għal raġunijiet li ma jissemmewx, din il-prova għaldarb'oħra ma tressqitx mill-appellant;

22. Illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-appellant jgħid li ser iressaq xhieda indipendenti maħsuba li ssaħħaħ ix-xiljiet tiegħu fil-konfront ta' l-appellat Martone dwar li xehed falz. L-ewwel Qorti qieset ix-xhieda kollha li tressqu quddiemha u ma sabitx li l-appellat Martone xehed il-falz. Minn qari tas-sentenza appellata jidher ukoll li l-ewwel Qorti għamlet dak l-istħarriġ u semmiet bosta ċirkostanzi probatorji biex turi għalfejn waslet għal dik il-fehma tagħha;

23. Illi din il-Qorti għamlet l-istess eżerċizzju iżda għandha r-riżervi tagħha fil-konfront tax-xhieda mogħtija mill-Avukat Albert Ganado[13]. L-Avukat Ganado, jikkonferma li dokumenti CFP10[14] u MMF[15], filwaqt li jirreferu għall-istess ftehim milħuq bejn Cecil Pace u l-miżżewġin Ghidoli/delle Piane dwar it-trasferiment tal-ishma tagħhom fl-MEH, fid-dokument MMF hemm ripetut dak li kiteb l-Avukat Ganado fid-dokument CFP10 u miżjuda miegħu kliem marbut max-xoljiment tal-ftehim, li ma sarx minnu u ma jafx bih, minkejja li kien preżenti għan-negozjati ta' dan il-ftehim. Din hija l-istess verżjoni mtennija tal-appellant li jisħaq li d-dokument kien imbagħbas mill-appellat Martone mingħajr ma ġie konsultat u li minnu ħa vantaġġ biex jikseb l-ishma tal-miżżewġin Ghidoli, filwaqt li fix-xhieda tiegħu, l-appellat Martone jgħid li ż-żieda saret minnu fil-preżenza u bil-kunsens tal-attur appellant *proprio*[16];

24. Illi l-Qorti tqis li minkejja l-affermazzjoni tal-Avukat Ganado, din il-Qorti ma tistax tasal biex teskludi li setgħu saru xi laqgħat oħra, kif jgħid l-appellat Martone, li fihom ġiet diskussa din il-materja u li għalihom ma kienx preżenti l-Avukat Ganado. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tasal b'ċertezza morali li tgħid li x-xhieda mogħtija mill-appellat Martone f'dan ir-rigward hija tabilħaqq falza. Iżżid tgħid ukoll li tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati meta jisħqu li dak mitlub mill-

---

13 Paġġ. 139 sa 140 tal-proċess
14 Paġ. 56 tal-proċess
15 Paġ. 97 tal-proċess
16 Paġ. 381 tal-proċess – xhieda mogħtija fil-kawża 1707/93

appellanti fil-kawża tal-lum huwa frott ta' ġudikat maħluq bis-sentenzi fil-kawża Ċitazz. Numru 1707/93, mogħtija minn din il-Qorti u saħansitra konfermata minn din il-Qorti wkoll wara talba min-naħa tal-appellanti għar-ritrattazzjoni (b'waħda mill-kawżali tkun sewwasew dik tal-kisba b'qerq ta' sentenza mibnija fuq ix-xhieda falza ta' Martone). Din il-Qorti żżid issemmi wkoll is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru, 2008[17], bejn l-istess partijiet, li kienet azzjoni derivattiva, fejn dik il-Qorti kienet warrbet l-azzjoni tal-atturi (l-appellanti tal-lum) fuq in-nuqqas ta' interess u wkoll fuq l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Ta' min ifakkar li dik il-każwa kienet titkellem dwar it-trasferiment mingħand Michele Martone lil ibnu Massimiliano tal-ishma li Martone kien kiseb mingħand il-miżżewġin Ghidoli/delle Piane;

25. Illi l-Qorti tqis li dawn kienu l-ilmenti prinċipali tal-appellant. Magħhom, l-appellant għal darb'oħra (qed jingħad hekk għaliex l-appellant diġà ressaqhom bħala punti fin-nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu qabel ma ngħatat is-sentenza appellata) jressaq numru ta' inċidenti li fil-fehma tiegħu juru l-għoti ta' xhieda inkonsistenti jew falza mill-appellat Martone, u li l-ewwel Qorti warrbithom għaliex sabet li jmorru lil hinn minn dak li jaċċenna għalih l-appellant fir-Rikors Maħluf li bih fetaħ din il-kawża. Fl-aħħarnett, din il-Qorti tasal biex taqbel ukoll mal-ewwel Qorti meta qalet li dak li wassal għall-għoti tas-sentenza fil-kawża Numru 1707/93

[17] Ċitazz. Nru. 1202/07GV li minnha ma sar l-ebda appell

ma kinitx ix-xhieda li ta Michele Martone, imma kwistjonijiet oħrajn ta' xejra teknika u formali marbuta mat-trasferiment tal-ishma mertu tal-kawża. Il-Qorti hawnhekk ukoll hija ta' l-istess fehma, u għaldaqstant mhux ser tieħu qies tagħhom mill-ġdid għaliex dwarhom kienet tat il-fehmiet tagħha għal darba darbtejn fl-imsemmija proċeduri;

26. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva li l-ewwel tliet (3) premessi tar-rikors promotur tal-appellanti f'din il-kawża juru li l-falsità attribwita lill-appellat Martone tirreferi sewwasew għax-xhieda li dan kien ta f'dik il-kawża speċifika u għalhekk l-ewwel Qorti kienet marbuta li tqis it-talbiet attriċi ma' dawk il-parametri u mhux ma' ħwejjeġ oħra. Bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-appellant ma seħħlux jasal għall-għan li għalih fetaħ din il-kawża u dan billi ma weriex li kien hemm xi ċirkostanzi li bihom ix-xhieda mogħtija mill-appellat Michele Martone kienet tabilħaqq influwenzat il-mod kif kienet inqatgħet il-kawża minnu msemmija. Jekk dan ma seħħlux jagħmlu, isegwi li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma laqgħetx it-talbiet attriċi;

***Decide:***

27. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-atturi fil-kwalità tagħhom premessa mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2014, u tikkonfermaha għal kollox; u

**Tordna** li l-atturi appellanti jħallsu l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi.**

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Robert G. Mangion |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm